# Il-Milied f'Ħal Balzan:

## Inizjattiva sabiħa li qabżet l-għoxrin sena tagħha

*Carmel Bezzina*

Fil-ħajja tal-bliet u r-rħula tagħna matul is-sena jispikkaw ħafna l-inizjattivi ta' diversi għamliet u forom li jagħtu lewn lill-ħajja tal-lokalità. Dawn l-inizjattivi jkunu ġejjin minn nies li għandhom għal qalbhom il-ħidma volontarja u li jkunu jħobbu l-lokalità fejn joqogħdu. Imnalla jkunu nies bħal dawn li jgħinu fil-bini tal-komunità u li jagħmlu l-ħajja tal-belt jew raħal aktar għanja, kemm fuq livell parrokkjali u kemm fuq dak ċiviku. Ħal Balzan m'huwiex nieqes minn nies ġenerużi li jmiddu jdejhom u joffru ħinhom, u xi drabi anke flushom, biex iġibu 'l quddiem il-ħajja fil-parroċċa, il-knisja, il-każini, iċ-ċentri u l-għaqdiet, u anke t-toroq tar-raħal tagħna.

Inizjattiva sabiħa li taf il-bidu tagħha wieħed u għoxrin sena ilu hija t-tiżjin taż-żona l-ġdida ta' wara l-knisja għal żmien il-Milied. Din iz-zona tiġbor fiha l-pjazzetta kwadra, imħawla bis-siġar u l-arbuxelli, li xi snin ilu ssemmiet għal Ġiġi Gauci, u l-erba' toroq ta' madwarha: Triq l-Għerusija, Triq Dun Ġwann Zammit Hammet, Triq Siġismondo Dimech u Triq Antonio Bosio. Il-moħħ wara din l-inizjattiva huwa Tony Grech, li flimkien ma' martu Rita, meta żżewġu fis-snin 80 tas-seklu l-ieħor, marru joqogħdu f'din il-parti ta' Ħal Balzan, ftit snin wara li din iż-żona bdiet tiżviluppa.

L-istorja bdiet fis-sena 1996 meta Agnes Scicluna, waħda mill-ġirien tal-familja Grech, ħarġet bl-idea li tiżżejjen din il-wesgħa. L-idea semmietha lil Tony, li malajr entużjażma ruħu u daħal għaliha b'ruħu u b'ġismu. Dan kien il-bidu umli ta' din l-inizjattiva.




Residenti oħra ta' dik l-akkwata wrew interess ukoll u taw is-sehem finanzjarju tagħhom biex din isseħħ. Huma baqgħu jikkontribwixxu kull sena biex din l-inizjattiva tkun tista' tkompli. L-erba' toroq li jdawru l-pjazzetta jintramaw b'fustuni bil-bozoz ikkuluriti, jixegħlu u jitfu, u bil-liedna ħadra tal-plastik, u wkoll b'madwar 30 disinn tal-Milied li juru kwiekeb, anġli, xemgħat bil-weraq aħdar tal-*holly*, u simboli oħra. Tul l-erba' toroq jintramaw madwar 20 fustun, li jieħdu b'kollox 450 bozza.



*Tnejn mill-erba' xeni li jintramaw fil-kantunieri madwar il-wesgħa: it-Twelid ta' Ġesù Bambin u s-Slaten Maġi. L-erba' xeni huma xogħol l-artist Balzani Marco Bartolo*

Fl-erba' kantunieri tal-qatgħa ħamrija jintramaw erba' xeni tan-Nativitá. Dawn ix-xeni, impittrin fuq l-injam, juru t-twelid tat-Tarbija Ġesù, ir-Ragħajja ta' Betlehem, iż-żjara tal-Maġi, u xena kampanjola ta' żewġ nisa jtellgħu l-ilma mill-bir. Dawn huma xogħol Marco Bartolo, artist versatili ħafna minn Ħal Balzan li joqgħod ukoll f'dik iż-żona. Quddiem dawn ix-xeni jitqiegħed riflettur sabiex idawwal ix-xena fid-dalma ta' filgħaxija. Is-siġar tal-wesgħa jiżżejnu b'240 bozza ta' lwien differenti biex joħolqu dehra ta' siġar tal-Milied.

Minn sena għal oħra din l-inizjattiva kompliet tiżviluppa, u fl-istess ħin bdiet tikseb dejjem iżjed popolarità. Tony flimkien ma' wliedu, xi ġirien u anke ħbieb, ħasbu biex il-komunikazzjoni tad-dawl fil-wesgħa tgħaddi minn taħt il-ħamrija u hekk tkun permanenti, mingħajr ma jkollhom għalfejn joqogħdu jarmaw u jżarmaw kull sena. Matul is-sena huma jieħdu ħsieb jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa lill-fustuni u jsewwu xi ħsarat li jistgħu jinqalgħu. Dan l-aħħar biddlu wkoll il-bozoz għal dawk LED, spiża ġmielha li, fuq medda ta' snin, tiswa biex jonqos il-konsum tal-elettriku.

U hekk, ta' kull sena, ir-residenti ta' din in-naħa tar-raħal jibdew jistennew bil-ħerqa sabiex jaraw din iz-zona tintrama u xxidd l-ilbies tal-Milied. Sa mix-xahar ta' Novembru Tony jaħseb biex jibda jarma l-fustuni u l-liedna. Għal dan il-għan huwa jikri *pick-up van*. Uliedu s-subien – Carl, Andrew, u Edward – flimkien ma' xi ġirien imiddu jdejhom ukoll f'dan ix-xogħol. Ix-xeni mpittra ta' madwar il-wesgħa jitħallew għall-aħħar biex, kemm jista' jkun, jiffrankaw xi ftit l-ilma tax-xita tal-istaġun xitwi. Sal-ewwel ġimgħa ta' Diċembru kollox ikun lest sabiex lejlet il-Kunċizzjoni l-pjazzetta tinxtegħel b'mod uffiċjali.



***Tony flimkien ma' ibnu Carl fuq it-trakk jarmaw il-fustuni fil-pjazzetta***

Dik il-lejla r-residenti joħorġu bi ħġarhom, u anke Balzanin oħra jingħaqdu magħhom, sabiex jifirħu u jagħtu bidu għall-istaġun tal-Milied. Tinħoloq atmosfera sabiħa bil-kant tal-għanjiet tal-Milied u l-*carols* akkumpanjati minn grupp żgħir ta' mużiċisti jdoqqu l-istrumenti tagħhom. Xi ħaġa tajba tal-ikel u x-xorb ma jonqsux ukoll. Għal din l-okkażjoni jkunu mistednin il-kappillan u s-saċerdoti tal-parroċċa, kif ukoll is-sindku u l-kunsilliera. Tkun lejla verament ħelwa li ddaħħlek fl-ispirtu ta' dan iż-żmien sabiħ. Il-pjazzetta u t-toroq ta' madwarha jinxtegħlu kuljum sa nhar l-Epifanija, bejn il-5.00 u l-10.00 jew il-11.00 ta' billejl.



***Dehra ħelwa tal-pjazzetta mixgħula filgħaxija fil-jiem tal-Milied***

Meta ltqajt ma' Tony semmieli li kull ħames snin għal din l-okkażjoni fil-pjazzetta tintrama tinda kbira u tiġi ċelebrata quddiesa fil-beraħ. B'hekk jiġi enfasizzat aħjar il-messaġġ reliġjuż tal-festa tal-Milied. L-aħħar quddiesa li saret kien iċċelebraha l-Kan. Timon Mercieca, li għal xi żmien kien iservi fil-parroċċa tagħna.

Tony semmieli wkoll li fil-bidu ta' din l-inizjattiva, meta wliedu u t-tfal tal-ġirien kienu għadhom żgħar, wieħed mir-residenti stess kien jilbes ta' Santa Klaws u joħroġ idur b'vann, jiġbor it-tfal tal-inħawi, u fl-aħħar iqassmilhom ir-rigali. Din id-drawwa damet għaddejja xi għaxar snin. Meta mbagħad it-tfal kibru u saru żgħażagħ, din id-drawwa waqfet.

Din l-inizjattiva sabiħa tar-residenti f'din in-naħa ta' Ħal Balzan irċeviet ir-rikonoxximent mistħoqq anke mill-Kumitat Festi Nazzjonali. Għal ħames darbiet rebħet il-kompetizzjoni fil-kategorija tat-toroq imżejnin għall-Milied, tliet darbiet ħadet it-tieni premju u darbtejn it-tielet – apprezzament xieraq u inkoraġġjanti għall-organizzaturi. Għalkemm il-kompetizzjoni kienet waqfet milli ssir, il-Kunsill Lokali baqa' juri l-apprezzament tiegħu, u tul dawn l-aħħar 15-il sena ta l-għajnuna finanzjarja tiegħu fl-applikazzjoni għad-dawl u fil-konsum.

Nittamaw li din l-inizjattiva sabiħa tibqa' ssib l-appoġġ mistħoqq, u sservi ta' mudell sabiex aktar nies jitħajru jieħdu inizjattivi bħal dawn b'riżq il-komunità ta' Ħal Balzan. ❒